**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 14/2015BS**

**Neptunes Bar and Restaurant Company Limited**

**vs**

**Angelina Schembri u b'sentenza tal-25 ta' Ottubru 2016 ġie kjamat in kawża Francis Schembri fil-kwalita tiegħu personali**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited fejn Francis Schembri bħala rappreżentant ġudizzjarju tagħha ai termini ta' l-istatut tal-istess kumpanija ppremetta:**

Il-Fatti tal-Każ

1. Illi permezz ta' Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fit-2 ta' Mejju 2014, intlaqgħet it-talba ta' Angelina Schembri għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Angelina Schembri vs Francis Schembri f'ismu proprju u in

rappreżentanza tal-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited [C-38323]:

2. Illi permezz tal-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni, il-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited (flimkien ma' Francis Schembri) ġiet miżmuma, *inter alia,* milli:

i. iżżid il-kapital azzjonarju tal-kumpannija u/jew milli talloka ishma ġodda kemm jekk dawn huma mħallsa jew ma humiex, fost l-azzjonisti l-oħra jew uħud minnhom, liema żieda u allokazzjoni ta' l-ishma se ssir biex jidgħajjef il-valur u l-effett ta' l-ishma li r-rikorrenti għandha fil-kumpanija (190 ishma li jifformaw parti mil-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnha u żewġha Francis Schembri) u għalhekk ser ikun ta' preġudizzju serju għall-interessi tagħha;

ii. sakemm iddum għaddejja l-kawża pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Angelina Schembri vs Francis Schembri (Rikors Ġuramentat Numru 17/2006) u ssir il-likwidazzjoni u diviżjoni b'mod definittiv ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti mertu ta' dik il-kawża, Francis Schembri u l-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited, jiġu inibiti milli personalment u tramite terzi persuni jgħabbu l kumpannija bid-dejn; u

iii. milli jixtru u jakkwistaw f'isem il-kumpanija intimata l-fond numru 86, Triq Santa Marija, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, kif aħjar deskritt fir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo.*

3. Illi sussegwentement għall-akkoljiment tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, il-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited ("il-Kumpannija") ippreżentat rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat fit-2 ta' Lulju 2014 stante illi minkejja l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni *de qu*o fil-konfront tagħha, baqgħet ma ġiet intavolata l-ebda kawża kontriha kif iridu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 843, 876A u 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia baqgħet ma ġiet dedotta in gudizzju l-ebda azzjoni dwar il-jedd pretiż u kkawtelat bil-Mandat *de quo,* entro għoxrin ġurnata mill-ħruġ ta' l-istess Mandat. Fil-fatt, sal-lum ma 'hemm l-ebda kawża pendenti

fil-konfront tal-Kumpannija fuq talba ta' Angelina Schembri dwar l-jedd pretiż fil-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo.*

4. Illi b'danakollu, din it-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat fil-konfront tal-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo*, ġiet miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' Digriet mogħti fis-16 ta' Lulju 2014 "*... pendenti l-kawza bin-numru 17/2006 fl-ismijiet Angelina Schembri vs Francis Schembri*".

5. Illi għalkemm il-Kumpannija ippreżentat rikors fit-13 ta' Ottubru 2014 fejn *inter alia* talbet it-tħassir tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi (Numru 17/2014) abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(1)(a) u (f), kif ukoll okkorrendo, ir-revoka tad-Digriet mogħti fis-16 ta' Lulju 2014, dawn it-talbiet ġew miċħuda permezz ta' Digriet mogħti fil-11 ta' Novembru 2014, liema Digriet ma tratta bl-ebda mod l-argumenti mressqa mill-kumpannija fir-rikors tagħha tat-13 ta' Ottubru 2014, iżda tratta biss id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 876 tal-Kapitolu 12.

Ir-Raġuni għat-Talbiet

6. Illi jirriżulta illi l-Kumpannija ma hijiex parti fil-proċeduri għat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti (ir-Rikors 17/06) pendenti bejn il-konjugi Angelina Schembri vs Francis Schembri. Dan ma kienx ikun ta' xkiel kieku l-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo* nħareġ ai termini u b'osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 876 tal-Kapitolu 12. B'danakollu, jiġi rilevat illi f'dan il-każ, il-Kumpannija ma tappartjenix lil Francis Schembri biss u, skond kif jirriżulta mill-annessi dokumenti meħudin mis-sit elettroniku tar-Reġistru tas-Soċjetajiet, l-ishma tal-kumpannija jappartjenu in kwantu għal tmienja u tletin fil-mija (38%) kull wieħed lil Francis Schembri u martu Angelina Schembri, u tnax fil-mija (12%) kull wieħed lil George Schembri u Roderick Schembri. Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi huwa preżentement kompost minn tliet diretturi, fosthom Francis Schembri li għalhekk ċertament li ma huwiex l-uniku direttur tal-kumpannija u ċertament ukoll ma għandux il-kontroll sħiħ tal-

Kumpannija u lanqas sehem maġġoritarju fl-istess kumpannija, kif iridu d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Artikolu 876(b).

7. Illi inoltre, dejjem b'referenza għall-Artikolu 876, jirriżulta wkoll illi l-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo* ma nħarġitx fil-konfront ta' kumpannija li fiha Francis Schembri, l-intimat l-ieħor, għandu maġġoranza tal-ishma li huma tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jew sabiex iwaqqaf il-bejgħ jew trasferiment ta' xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali, kif iridu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 876(b), u lanqas sabiex ma jiġux trasferiti lil terzi, xi ishma appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Għall-kuntrarju, il-Mandat ta' Inibizzjon*i de quo* nħareġ appuntu sabiex*, inter alia,* il-Kumpannija (u mhux biss il-konjugi azzjonist) ma żżidx il-kapital azzjonarju tagħha stess, u sabiex l-istess kumpannija titwaqqaf milli tixtri u takkwista proprjeta immobbli - żewġ atti mhux kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 876 għall-finijiet ta' ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-kuntest ta' kawża pendenti bejn il-konjugi, inkluż kawża għat-terminazzjoni ġudizzjarja tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

8. Illi konsegwentement, peress illi l-Mandat ta' Inibizzjoni de quo kjarament ma huwiex wieħed kontemplat mill-Artikolu 876, ma seta' qatt jibqa' in vigore pendenti l-eżitu ta' kawża li fiha l-istess Kumpannija mhux parti, u kellha ssir kawża *ad hoc* fil-mertu dwar il-jeddijiet pretiżi fil-Mandat ta' Inibizzjoni minn Angelina Schembri, fil-konfront tal-Kumpannija, liema kawża baqgħet ma saritx.

9. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, jirriżulta wkoll illi l-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ fil-konfront tal-Kumpannija qiegħed iwaqqaf l-eżerċizzju ta' atti leġittimi u validi mill-kumpannija liema atti, madanakollu, ma jistgħux u ma humiex sejrin jiġu attakkati, kontestati u trattati fil-kors tal-kawża li, skond id-Digriet tal-Qorti tas-16 ta' Lulju 2014, qiegħda tipprovdi l-bażi għall-eżistenza ta' dan il-Mandat (cioe', l-azzjoni għall-jedd pretiż). Kif ingħad, il-mertu tal-kawża pendenti (17/2006) titratta biss l-assenjazzjoni ta' l-attiv u l-passiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti u xejn iktar, liema attiv u passiv

diġa' ġie likwidat u konstatat permezz ta' Sentenza oħra datata 12 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet (17/06), u l-Kumpannija ma għandha l-ebda locus standi f'dawk il-proċeduri u lanqas il-jedd illi tressaq xi provi jew sottomissjonijiet in sostenn tal-pożizzjoni tagħha.

10. Illi inoltre, il-valur ta' l-ishma fil-Kumpannija li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti, inkluż għalhekk l-ishma reġistrati f'isem Angelina Schembri u l-ishma reġistrati f'isem żewġha Francis Schembri, ġie kristalizzat fid-data tat-terminazzjoni ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti. Il-valur ta' l-ishma appartenenti lil dik li kienet il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi, ma jistax għalhekk jiġi preġudikat u lanqas jista' jibbenefika, minn xi att tal-Kumpannija li jkun sar wara d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni, sew jekk dak l-att ikun jikkonsisti f'xi żieda fil-kapital azzjonarju tal-kumpanija, sewwa sew jekk l-azzjoni tkun l-akkwist ta' dejn jew assi da parti tal-kumpanija, għaliex fi kwalsiasi każ, dak il-valur jibqa' jgħodd għall-kalkoli li jridu jsiru għall-finijiet ta' l-assenjazzjoni lill-konjugi ta' l-attiv u l-passiv tal-komunjoni, liema assenjazzjoni hija l-uniku mertu tal-kawża pendenti, li għadu mhux deċiż.

11. Illi bir-riżultat ta' dan il-Mandat maħruġ fil-konfront tagħha il-Kumpannija qed tiġi miżmuma milli tkompli teżerċita n-negozju tagħha u tagħmel dak kollu li jeħtieġ li jsir għal dan il-fini, inkluż li tissellef biex tħallas l-impjegati, tagħmel benefikati, tixtri proprjeta' attigwa għall-istabbiliment eżistenti sabiex tkabbar in-negozju u l-qligħ ecc., skond kif jirrikjedi l-andament tan-negozju u fatturi oħra finanzjarji, u dan mingħajr ma qed tingħata l-jedd u l-opportunita' illi tiddefendi ruħha permezz tal-provi relevanti għall- allegazzjonijiet imressqa minn Angelina Schembri bħala bażi, del resto prima facie, għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjon*i de quo.*

12. Illi dan l-istat ta' fatt jippreġudika d-drittijiet fondamentali tal-Kumpannija għal smigħ xieraq u għall-aċċess għall-qrati biex issir ġustizzja magħha, u għalhekk hija kellha tirkorri għal din il-kawża sabiex tikseb ir-revoka tal Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tagħha, liema Mandat għadu in vigore abbużivament u bi ksur tad-drittijiet

leġittimi tagħha, oltre li qiegħed jikkaġuna preġudizzju u telf sostanzjali lill-Kumpannija kif ukoll lill-azzjonisti l-oħra li wkoll ma għandhom l-ebda *locus standi* fil-kawża 17/2006.

13. Illi l-eżistenza kontinwata ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jirrispettax il-vot tal-Liġi fejn il-leġislatur ried illi kull mandat kawtelatorju jiġi segwit b'kawża dwar il-mertu tal-jedd li abbażi tiegħu jkun inħareġ dak il-Mandat għaliex fin-nuqqas (f'dan il-każ) ikun hemm lezjoni serjissima ta' drittijiet u l-allegazzjonijiet li għamlet Angelina Schembri għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-Kumpannija ser jibqgħu dejjem dawk li huma:

allegazzjonijiet mhux provati ħlief fuq bażi *prima facie* li ċertament ma huwiex il-grad ta' prova li l-Leġislatur ried illi jiddetermina jeddijiet u obbligi ċivili.

14. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:**

It-Talbiet

Għaldaqstant, filwaqt illi tagħmel umli referenza għal dak kollu fuq premess, il- kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor opportun:

1. Tirrevoka u tħassar id-Digriet mogħti fis-16 ta' Lulju 2014, kif ukoll id-Digriet mogħti fil-11 ta' Novembru 2014 minn dina l-Qorti diversament preseduta fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 17/2014 fl-ismijiet Angelina Schembri vs Francis Schembri f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited (C-38323);

2. Konsegwentement tirrevoka u tħassar il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 17/2014 fl-ismijiet Angelina Schembri vs Francis Schembri f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited (C-38323) fil-konfront u safejn tolqot l-istess kumpannija u dan għar-ragunijiet kollha fuq premessi kif ukoll abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(1)(a) u (f) u ta' l-Artikolu 876 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra Angelina Schembri li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni u b'kull riżerva għall-azzjoni għall-hlas tad-danni kkaġunati mill-aġir tar rikorrenti kif fuq premess, *si et quantenus.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta illi eċċepiet:**

1. In linea preliminari u fl-ewwel lok l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba difett fl-integrita' tal-ġudizzju ġej mill-assenza tal-partijiet kollha li kienu parti fl-atti tal-Mandat li minnu emanew id-digrieti li qegħdin jiġu attakkati bil-proċeduri odjerni;

2. In linea preliminari wkoll hemm l-ostakolu tat-trapass tas-sitt xhur fir-rigward tad-digriet tas-16 ta' Lulju 2014;

3. Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, id-digrieti li qegħdin jiġu attakkati huma ġusti u jimmeritaw li jibqgħu fis-seħħ sakemm tiġi deċiża definittivament il-kawża Rikors Ġuramentat numru 17/2006 fl-ismijiet: Angelina Schembri vs Francis Schembri, li għadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta, u l-Mandat li minnu emanew id-digrieti attakkati huwa intimament konness mal-kawża imsemmija, u l-preġudizzju għall-esponenti jista' jkun irrimedjabbli kemm–il darba l-effetti tal-mandat ikollhom jiġu elevati bir-revoka *contrario imperio* tad-digriet jew digrieti li qegħdin jiġu attakkati bil-proċeduri odjerni;

4. Illi t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 17/2004, saret meħtieġa fil-mori tal-kawża numru 17/2006 fl-ismijiet: Angelina

Schembri vs Francis Schembri, sabiex pendenti l-istess kawża hi trażżan l-aġir skorrett u frawdolenti ta' żewġha Francis li kien qed jinqeda bil-*corporate veil* tal-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Co. Ltd. biex jimmina serjament id-drittijiet u l-interessi tagħha fil-kumpannija u l-ishma tagħha fil-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Co. Ltd. li jiffurmaw parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom li ġiet terminata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu 2010, u l-kawża tinsab fl-istadju tal-qsim ġudizzjarju tal-komunjoni tal-beni, inkluż l-ishma li għandhom l-esponenti u żewġha Francis Schembri fl-istess kumpannija. Jinsab deċiż li fejn jirriżulta lill-Qorti '*agir skorrett li juri mala fides ma għandhiex tħalli lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-mala fides tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-bona fides. L-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunita' mill-prinċipju li fraus omnia corrumpit. Jekk, biex ikun newtralizzat l-effett ta' mala fides, huwa meħtieġ li l-Qorti tipprexxindi mill-personalita' separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tieħu dan il-pass*.' [P.A, Edward Leone Enriquez et vs Avv. Anthony Farrugia et noe, 12/10/1995]. Diversi huma s-sentenzi tal-Qrati tagħna li fejn jirriżulta li jkun hemm aġir skorrett li juri *mala fede* m'għandux japplika l-prinċipju tas-*separate juridical personality*. Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti issoktat tosserva li '*huwa in mala fide mhux biss min jaf li qed jagħmel ħażin iżda anke' min, minħabba ċ-ċirkostanzi, imissu jkun jaf li qed jagħmel ħażin*.' Ġie deċiż ukoll li '*l-hekk imsejjaħ corporate veil huwa appuntu velu u mhux xi purtiera tal-ħadid li warajha tista' taħbi u tnessi kwalunkwe' operat, anke' forsi dak li jirrażenta abbuż tal-proċess ġudizzjarju*.' [Qorti tal-Appell, Supermarkets (1960) Limited vs Le Cram Developments Co. Ltd., 22/10/2002];

5. Għall-finijiet tat-tieni talba l-proċedura odjerna mhix il-proċedura idonea li trid il-liġi għall-finijiet tal-artikolu 836(1) billi l-proċedura hemm espressament ikkontemplata hi dik ta' rikors fl-atti tal-Mandat u mhux ta' rikors ġuramentat ;

6. Salvi eċċezzjoni ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2015 din il-Qorti kif dakinhar presjeduta laqgħet it-talba tal-konvenuta u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 17/2014 fl-ismijiet **Angelina Schembri vs Francis Schembri f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-kumpannija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited** (C-38323).
Rat ukoll illi b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2015 il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet numru wieħed, tnejn u ħamsa.

Rat in-nota tal-10 ta' Marzu 2016 li permezz tagħha l-konvenuta rtirat it-tieni eċċezzjoni.

Rat illi b'sentenza tal-25 ta'Ottubru 2016 din il-Qorti kif dakinhar presjeduta caħdet l-ewwel eċċezzjoni b'dan illi ordnat il-kjamat in kawża ta' Francis Schembri u ċaħdet ukoll il-ħames eċċezzjoni.

Rat l-atti kollha illi ġew allegati.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

Diversi huma l-proċeduri li ttieħdu mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Għall-aħjar intendiment il-Qorti sejra tagħmel sunt tal-proċeduri u l-eżitu tagħhom.

1. Ċitazz. Nru. 17/2006 – **<u>Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri</u>** – deċiża fis-16 ta' Settembru 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja)

Din hija sentenza in parte fl-atti tal-kawża ta' separazzjoni pendenti bejn il-konjuġi Schembri. Din is-sentenza trattat il-qsim ġudizzjarju tal-beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Wara li qieset il-

komportament ġenerali ta' Francis Schembri, fis-sentenza tagħha l-Qorti rriteniet li Francis Schembri ħataf kemm felaħ mill-beni tal-komunjoni waqt illi rrifjuta li jagħti nformazzjoni dwar x'għamel bil-flejjes li ġew żbankati f'ammonti konsiderevoli. Il-Qorti ddikjarat illi bl-aġir tiegħu Schembri ma kienx qiegħed jaġixxi fl-interess tal-komunjoni iżda unikament fl-interess personali tiegħu. Ingħad hekk:

*"Dan hu kaz klassiku ta' dilapidazzjoni tal-beni minn wiehed mill-konjugi. L-agir tal-konvenut (Francis Schembri) ma jistax jigi deskritt mod iehor ghajr attakk ghall-beni li taghhom l-attrici hi wahda mit-titolari, minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-interessi taghha. Il-konvenut isostni li dawn il-beni huma proprjeta' parafernali, izda ma ressaqx provi sabiex jeghleb il-presunzjoni li l-beni kollha jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1321 tal-Kodici Civili). Hu evidenti li kemm ilu inqala' l-inkwiet f'din il-familja, il-konvenut qieghed jahseb biss fl-interess personali tieghu u l-qorti ma tistax tikkondividi l-modus operandi tieghu."*

Għalhekk il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u *"filwaqt li tiddikjara li l-imgieba tal-konvenut qieghed jipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attrici, tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn Francis u Angelina maghrufa bhala Lina konjugi Schembri u fl-istess hin tordna li jsir il-qsim gudizzjarju tal-komunjoni tal-beni. Il-komunjoni tal-akkwisti tispicca meta s-sentenza ssir finali u konklussiva."*

2. Ċitazz. Nru. 17/2006 – **Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri** – deċiża fit-13 ta' Ġunju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja)

Din is-sentenza kienet limitata għad-determinazzjoni tal-konsistenza tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti. Għal dak illi jirrigwarda s-sehem tal-konvenuta u tal-kjamat in kawża fil-kumpannija attriċi, ġie ddikjarat illi l-konjuġi Schembri għandhom bejniethom total ta' 380 sehem.

3. Appell Ċivili Nru. 17/2006/1 – **Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schmebri** – deċiża fit-2 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Appell

Il-Qorti ċaħdet l-appell u kkonfermat is-senetenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Settembru 2009. Qalet hekk:

*"Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tikkonkludi li l-konvenut (Francis Schembri) ma kienx qiegħed jopera u jamministra l-komunjoni tal-akkwisti fl-interess ta' martu wkoll, anzi hi konvinta li kien qiegħed jopera biss fl-interess personali tiegħu. Dan l-appell kjarament sar biss biex l-appellant jivvessa lill-martu."*

4. Ċitazz. Nru. 100/2006 – **<u>Anthony Saliba vs Francis sive Frank Schembri et</u>** – deċiża fl-1 ta' Novembru 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)

Din il-kawża trattat talba għar-rexissjoni ta' kuntratt ta' bejgħ ta' immobbli proprjeta' ta' Anthony Saliba liema bejgħ sar bejn il-konvenut Francis Schembri bħala mandatarju ta' Anthony Saliba u s-soċjeta' konvenuta Neptunes Bar & Restaurant Co Ltd.

Wara eżami tal-aġir lamentat u ċ-ċirkostanzi li fih sar il-bejgħ li tiegħu intalbet ir-rexissjoni, il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni:

*"Huwa evidenti li l-intenzjoni vera tal-konvenut kienet li jdawwar dawn il-beni għal fuq kumpanija li fiha huwa stess kellu sehem konsiderevoli u li l-attur ma kellu jiġi aġevolat bl-ebda mod. B'din il-manuvra ried jassikura ruħu li f'każ li l-attur ma jikkumpensahx biżżejjed fit-testment tiegħu għal dak li kien għamel miegħu, ta' l-inqas ikun laħaq akkwista parti sostanzjali mill-beni tiegħu.*

*Il-fatt li l-konvenut għażel li jmur Malta sabiex jagħmel dan il-kuntratt, għand Nutar Malti li qatt qabel ma kien ħadem bih, ikompli jikkonferma kemm ried jagħmel kollox klandestinament u possibilment jevita li l-attur qatt isir jaf b'dak li kien ser jagħmel. Minn l-oħra la George Schembri u wisq inqas Roderick Schembri, iż-żewġ diretturi tas-soċjeta' konvenuta li dehru f'isimha fuq dan il-kuntratt, ma jidher li kellhom xi ħtija għal dak li ġara. Fil-każ ta' l-ewwel wieħed, jidher li dan ġie manipulat minn ħuħ biex jagħmel dak li jgħidlu, u t-tieni ma ssograx ma jobdix l-ordinijiet ta' missieru, li ma kien jiddejjaq xejn juża l-vjolenza fuqu. Wara kollox ma rriżultax li qatt ittieħdet xi riżoluzzjoni minn din il-kumpanija sabiex isir ix-*

*xiri tal-proprjetajiet in kwistjoni u kollox sar ta' malajr, bħala konsegwenza ta' l-inċident ta' lejliet l-Imnarja.*

*M'għandu jibqa' għalhekk l-ebda dubbju illi ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa fid-dottrina sabiex jista' jingħad li jeżisiti d-dolo. Dan il-kuntratt sar bi twettiq ta' pjan li fassal il-konvenut Schembri waħdu sabiex il-beni in kwistjoni jaqgħu gratwitament f'idejħ (permezz ta' kumpanija li tagħha kellu l-kontroll assolut), u fit-tama li l-attur ma jindunax b'li kien seħħ, a detriment ta' l-interessi tiegħu, sakemm imut. B'hekk ikun eskluda l-possibilita' li dawn il-beni jaqgħu f'idejn in-neputijiet u/jew werrieta oħra tiegħu."*

Il-Qorti ddikjarat il-bejgħ bħala li sar b'qerq u b'għemil frawdolenti tad-drittijiet ta' l-attur u konsegwentement iddakkjarat dan il-bejgħ bħala null u bla effett.

5. Rik. Ġur. Nru. 265/2010 – **<u>Francis Schembri vs Angelo sive Anglu Mifsud pro et noe</u>**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 2015

Din il-kawża trattat it-talba ta' Francis Schembri għall-ħlas tas-sehem tiegħu mill-qligħ li allega li għamlu l-konvenuti meta nqdew b'lanċa ta' Francis Schembri. Talab ukoll riżarċiment għad-danni. Waqt illi ċaħdet it-talbiet u l-kontro-talbiet illi tressqu quddiemha, il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni li għandu jkollha rilevanza għall-fini tal-proċess ta' llum. Ingħad hekk:

*"Din il-qorti, wara li għarblet ix-xiehda kollha prodotta f'dan il-każ, tagħraf li bl-ebda mod ma tista' tagħti affidibilità jew kredibilità lix-xiehda tal-attur. Dan qiegħed jingħad għal diversi ragunijiet. Prinċipalment il-qorti ma tista' tagħti ebda affidibilità lilll-attur meta jirriżulta li huwa ikkonsenja lanċa tiegħu lill-intimat biss sabiex tiġi skapriċċata martu minn qligħ tal-komunjoni tal-akkwisti fil-kawża ta' separazzjoni li kienet għadha pendenti bejniethom. Di più din il-qorti ma tistax tagħti affidibilità lill-attur li saħansitra għamel skrittura privata quddiem nutar ta' self fittizju t'għoxrin elf mingħad l-intimat għall-istess skop, cioè biex igħabbi l-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk jiskapriċċa lil martu u jevita' illegalment li jgħaddilha dak dovut lilha."*

6. Mandat ta' Inibizzjoni 17/2004 – **<u>Angelina Schembri vs Francis Schembri pro et noe</u>** -

B'rikors tat-22 ta' April 2014 Angelina Schembri talbet lil Qorti sabiex in kawtela tad-drittijiet tagħha żżomm lil Francis Schembri u lill-kumpannija Neptune's Bar and Restaurant Company Limited milli fost l-oħrajn:

*"jzidu l-kapital azzjonarju tal-kumpannija Neptune's Bar and Restaurant Company Limited (C38323) u/jew milli jallokaw ishma godda kemm jekk dawn huma mhallsa kif ukoll jekk mhumiex, fost l-azzjonisti jew uhud mill-azzjonisti fl-istess kumpannija, liema zieda u allokazzjoni tal-ishma sa ssir bl-intiza cara li jigi mdghajjef il-valur u l-effett tal-ishma li l-esponenti ghandha f'din il-kumpannija, liema ishma kemm dawk li ghandha f'isimha u l-mija u disghin sehem (190) iehor li ghandu zewgha l-intimat Francis Schembri f'din il-kumpannija jiffurmaw parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejniethom u li prezentement jiffurmaw parti mill-assi in likwidazzjoni tal-istess komunjoni fil-kawza fl-ismijiet: Angelina Schembri vs Francis Schembri (Rikors Guramentat numru 17/06), u dan sakemm tigi deciza definittivament l-istess kawza, billi tali zieda u allokazzjoni ta' ishma hija manifestament ta' pregudizzju sejru ghall-interessi li l-esponenti ghandha f'din il-kumpannija u f'mument meta l-kawza imsemmija wasslet fi stadju delikat li fiha qed jigu likwidati u valutati l-assi ta' bejniethom fosthom hemm l-ishma taghhom f'din il-kumpannija.*

*Il-Qorti hija mitluba wkoll biex sakemm iddum ghaddejja l-kawza fuq imsemmija u sakemm issir il-likwidazzjoni u d-divizjoni b'mod definittiv tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, l-intimati jigu inibiti milli personalment u tramite terzi persuni jghabbu l kumpannija bid-dejn, liema poter tal-kumpannija li tissellef u tghabbi ruhha bid-dejn l-intiamt Francis Schembri ziedu b'mod illimitat fil-mori ta' din il-kawza;*

*Il-Qorti hija mitluba wkoll illi pendneti l-kawza fuq imsemmija u sakemm l-istess kawza tigi deciza b'mod definittiv, tinibixxi lill-intimati milli jixtru u jakkwistaw f'isem il-kumpanija Neptune's Bar and Restaurant Company Limited (C38323) il-fond numru sitta u tmenin (86) fi Triq Santa Marija, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex, … dan billi l-kumpannija m'ghandhiex flus biex takkwista dan il-fondkif jirrizulta mill-accounts tal-istess kumpannija ghas-sena finanzjarja li ghda kemm ghalqet, u jekk ix-xiri ser jithalla jsir dan sa jsir bi flus tal-komunjoni tal-akkwisti*

*li l-intimat Francis Schembri gabar b'mod abbuziv mill-kontijiet tal-banek u nvestimenti ohra li bis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fuq imsemmija tat-13 ta' Lulju 2012, li giet debitament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, gew iddikjarati li jifformaw parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-esponenti u l-istess zewgha, u l-intimat Francis Schembri m'ghandu ebda dritt li juza minn dawn il-flus biex jixtri l-imsemmi fond fuq il-kumpannija wara li jkun zied u alloka lilu nnifs ishma godda fil-kumpannija b'mod li ottjeni kontroll assolut fl-istess kumpannija u fuq l-assi tal-istess kumpannija."*

Fid-digriet tagħha datat 2 ta' Mejju 2014 il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Illi bejn il-partijiet hemm proceduri gudizzjarji li huma pendenti. Jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha ma gietx likwidata. Madanakollu permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2012 fil-kawza bin-numru 17/2006JD li giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell gie stabbilit liema huma l-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti fosthom ir-rikorrenti ghandha 190 ishma mill-kumpannija intimata.*

*Irrizulta wkoll li s-shares tal-kumpannija intimata inxtraw fil-21 ta' April 2014 minn Francis Schembri izda ghadhom ma gewx registrati mal-MFSA.*

*Tqis li t-talba tirrizulta prima facie gustifikata peress li jezistu l-elementi kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 873 tal-Kap 12. Il-qorti hija sodisfatta li l-hrug ta' tali mandat huwa necessarju sabiex jigu mharsa d-drittijiet tar-rikorrenti, u li l-istess rikorrenti ghandha prima facie l-istess drittijiet u li jekk ma jinharigx l-istess mandat id-drittijiet taghha jistghu jigu pregudikati rrimedjabbilment."*

B'rikors tat-2 ta' Lulju 2014 Francis Schembri talab ir-revoka tal-mandat t'inibizzjoni.

B'digriet tas-16 ta' Lulju 2014 il-Qorti ċaħdet it-talba "*pendenti l-kawża bin-numru 17/2006 fl-ismijiet Angelina Schembri vs Francis Schembri*".

B'rikors datat 13 ta' Ottubru 2014 Neptunes Bar and Restaurant Company Limited talbet ir-revoka tal-mandat t'inibizzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha tal-

11 ta' Novembru 2014 din il-Qorti diversament presjeduta għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Illi l-argument principali tar-rikorrenti sabiex jigi revokat il-mandat odjern huwa li skond hi ma jezistux l-elementi tal-artikolu 876 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dak l-artikolu jsemmi biss kawza ta' separazzjoni personali u mhux kawza ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Ir-rikorrenti issostni illi 'Il-kumpannija, li hija entita' indipendenti mill-membri taghha, u l-membri taghha f'dan il-kaz ma humiex il-konjugi wahedhom, ma tistax tigi mwaqqfa milli topera skond kif jirrikjedi l-andament tan-negozju u fatturi ohra finanzjarji, permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ghaliex tinsab pendenti kawza ghall-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni bejn tnejn biss mill-azzjonisti taghha u meta l-valur, f'termini monetarji, ta' l-ishma tal-komunjoni ma huwiex sejjer jigi pregudikat minn xi att sussegwenti tal-kumpanija.'*

*Illi l-artikolu 876 tal-Kap. 12 fil-parti saljenti tieghu jaqra kif isegwi:*

*'(1) Meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew tkun se taghmel quddiem il-Qorti Civili kawza ghal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li tohrog mandat ta' inibizzjoni:*
*(a) Kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg fejn ma thallix lil dik il-parti l-ohra li tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f'xi socjeta' kummercjali jekk dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti; jew*
*(b) Kontra xi socjeta' li fiha l-parti l-ohra jkollha maggoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, xi proprjeta' immobbli jew jeddijiet marbutin maghha li tkun proprjeta' ta' dik is-socjeta' kummercjali; jew*
*(c) Kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg milli taghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti.'*

*Illi l-argument tar-rikorrent huwa li la darba Angelina Schembri ghazlet li torbot il-mandat mal-kawza bin-numru 17/06 li tikkoncerna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux mal-kawza ta' separazzjoni personali allura l-artikolu 876 ma japplikax u kellha tinfetah kawza separata fil-konfront tal-Kumpanija.*

*Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrenti ghal diversi ragunijiet fosthom illi:*

*1. Sabiex din il-Qorti taqbel mar-rikorrent allura jfisser li necessarjament tkun qed tinjora dak li ntqal fid-decizjoni tat-2 ta' Marzu 2010 moghtija mill-Onorevoli Qorti tal-Appell fl-istess kawza bin-numru 17/06 fejn inghad illi l-qsim gudizzjarju tal-beni jista' jintalab fi kwalsiasi zmien anki qabel jew pendenti kawza ta' separazzjoni personali.*

*Huwa evidenti u ovvju ghal din il-Qorti li l-artikolu 876 gie promulgat proprjament sabiex jissalvagwardja l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti pendenti proceduri bejn il-konjugi. Ghalkemm huwa minnu li hafna drabi jsiru proceduri ta' separazzjoni personali li fihom stess tkun qed tintalab il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti dan ma jfissirx li ma jistghux jirrizultaw cirkustanzi fejn il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jkollha tintalab b'mod separat kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz. Dan izda ma jfissirx li talba ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma hix inkluza fil-kliem 'kawza ta' separazzjoni personali' ghaliex din l-interpretazzjoni necessarjament tfisser li ggib il-protezzjoni intiza ghall-konjugi ai termini tal-artikolu 876 fix-xejn f'kaz li jkun kostrett li jmexxi bit-talba ghat-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni b'mod urgenti, u cioe f'kazijiet fejn ma jkunx f'lokhu li wiehed joqghod jistenna li tinqata' s-separazzjoni personali bejn il-partijiet. L-uzu ripetut tal-kliem 'komunjoni tal-akkwisti' fl-istess artikolu 876 juri bic-car li l-interpretazzjoni li qed jipprova jaghti r-rikorrent li din ma tapplikax fil-kaz ta' kawza ghat-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-assi intiza appositament sabiex tissalvagwardja l-assi tal-komunjoni logikament ma taghmel l-ebda sens u zgur mhijiex l-interpretazzjoni fl-ahjar interess tal-gustizzja.*

*In oltre l-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghal dak li nghad fid-decizjoni tat-2 ta' Marzu 2010:*

*'Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tikkonkludi li l-konvenut (Francis Schmebri) ma kienx qiegħed jopera u jamministra l-komunjoni tal-akkwisti fl-interess ta' martu wkoll, anzi hi konvinta li kien qiegħed jopera biss fl-interess personali tiegħu. ...'*

*It-talba attrici biex tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti a bazi tal-artikolu 1332 tal-Kap. 16 kienet ibbazata fuq il-premessa li l-imgieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti kienet f'dawn l-ahhar snin tipperikola l-interessi taghha kif ukoll tal-familja ...'.*
*Jirrizulta ghalhekk li kien l-agir tal-istess rikorrenti li wassal sabiex tinfetah kawza ghax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b'mod separat minn dik tas-separazzjoni personali u llum jirrizulta ironiku ghall-ahhar li r-rikorrent qed jargumenta li f'dawn ic-cirkostanzi ma ghandux japplika l-artikolu 876 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta meta huwa ovvju li anzi l-artikolu 876 gie promulgat proprjament sabiex jikkawtela f'cirkostanzi bhal ma ghandha l-Qorti quddiemha llum bejn il-konjugi Schembri;*

*2. Illi din il-Qorti wkoll ma ghandha l-ebda dubju li meta din il-Qorti diversament preseduta tat id-digriet taghha fit-2 ta' Mejju, 2014 hija kienet taf ben tajjeb li kienet qed tilqa l-mandat bl-intiza li dan jibqa in vigore pendenti l-kawza bin-numru 17/06 u dan kemm ghaliex dan huwa specifikament mitlub mir-rikorrenti Angelina Schembri fil-mandat originali u ghalhekk la darba laqghet it-talba dik il-Qorti laqghet it-talba kif dedotta u wkoll ghaliex dik il-Qorti kienet edotta sew mic-cirkostanzi tal-partijiet stante li l-kawza in kwistjoni kienet pendenti quddiemha u zgur li hadet in konsiderazzjoni l-artikolu 876 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta fil-mument li laqghet it-talba;*

*3. Illi din l-istess Qorti fid-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2014 cahdet it-talba ghall-hrug tal-kontro mandat proprjament ghaliex kienet sodisfatta li l-Qorti precedenti kienet cara fid-digriet taghha li laqghet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, kif mitlub, pendenti decizjoni definittiva fl-istess kawza;*

*Illi finalment jinghad li dak li qed tittenta taghmel is-Socjeta' rikorrenti permezz ta' dan ir-rikors huwa li titlob ir-rikonsiderazzjoni tad-decizjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju, 2014 minghajr ma tressaq l-ebda argument gdid li ma kienx gia tqajjem fir-risposti precendenti ghall-mandat jew fit-talba ghall-hrug tal-kontro mandat u li ghandu jwassal lil din il-Qorti sabiex tvarja d-decizjoni taghha fis-16 ta' Lulju, 2014.*

Il-Qorti għaddiet sabiex ċaħdet it-talba għar-revoka tal-imsemmi mandat.

**Il-Provi**

Il-konvenuti konjuġi Schembri jinsabu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni bil-proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja[1]. Hemm ukoll pendenti quddiem l-istess Qorti proċeduri sabiex tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti u jiġu diviżi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti[2]. Fl-istess waqt hemm ukoll pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Kummerċ proċeduri għax-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' rikorrenti.

Is-soċjeta' rikorrenti ġiet kostitwita bħala *limited liability company* fid-29 ta' Marzu 2006. Mill-*Memorandum of Association* jirriżulta illi fil-mument tal-kostituzzjoni tagħha d-diretturi kienu Francis Schembri, Angelina Schembri, George Schembri u Roderick Schembri. L-azzjonisti huma l-istess diretturi fejn Francis Schembri u Angelina Schembri għandhom 190 sehem kull wieħed waqt illi Roderick Schembri, li huwa iben il-konvenuti konjuġi Schembri, u George Schembri, li huwa ħu l-konvenut Francis Schembri, għandhom is-sehem ta' 60 sehem kull wieħed.

Skont ma' jirriżulta mill-Form K li ġġib id-data tal-20 ta' Novembru 2006, Angela Schembri u Roderick Schembri rriżenjaw minn diretturi tas-soċjeta' rikorrenti b'effett mill-20 ta' Novembru 2006. Din il-formola tirriżulta li ġiet iffirmata u ppreżentata mill-konvenut Francis Schembri. Dan ifisser illi d-diretturi tas-soċjeta' rikorrenti llum huma tnejn u cioe Francis Schembri u ħuħ George Schembri.

L-Avukat Dottor Mario Scerri, li huwa l-avukat tal-fiduċja tal-konvenuta Schembri, xehed permezz ta' affidavit fejn jgħid illi l-konvenut Francis Schembri u ħuħ George Schembri sejjħu laqa' ġenerali straordinarja tal-kumpannija fejn għaddew riżoluzzjoni sabiex il-kapital azzjonarju fil-kumpannija jiżdied sostanzjalment. Jgħid illi din il-mossa saret sabiex waqt illi Francis Schembri jikseb saħħa assoluta fil-kumpanija, ikompli jidgħajjef is-sehem illi għandhom l-azzjonisti l-oħra. Spjega illi din il-mossa saret wara li l-Qorti kienet itterminat il-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn

[1] 6/07BS – Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri
[2] 17/06BS – Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri

il-konjuġi Schembri. Jgħid illi kienet proprju din il-manuvra li wasslet lill-konvenuta sabiex titlob u tikseb il-mandat ta' inibizzjoni li l-validita' tiegħu tinsab attakkata permezz tal-proċeduri odjerni.

Mill-atti tal-mandat li ġew allegati u mix-xhieda hemm imressqa, jirriżulta illi r-riżoluzzjoni sabiex jiżdied il-kapital azzjonarju għaddiet billi Francis Schembri uża l-*casting vote* tiegħu. Wara li nħarġet is-sejħa għall-akkwist ta' ishma ġodda fis-soċjeta' rikorrenti dawn inxtraw minn Francis Schembri versu prezz baxx ħafna. Il-Qorti laqgħet it-talba ta' Angelina Schmebri għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kawtelatorju għaliex irriżulta fuq bażi ta' *prima facie* illi l-aġir ta' Francis Schembri kien sejjer jilledi d-drittijiet ta' Angelina Schembri. L-Avukat Dottor Mario Scerri żied jgħid illi l-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kawtelatorju sar fi żmien propizju u serva sabiex iwaqqaf milli ssir ir-reġistrazzjoni tal-kapital azzjonarju ġdid kif ukoll sabiex ma jiġux reġistrati l-ishma ġodda akkwistati mill-konvenut.

L-Avukat Dottor Mario Scerri kompla jgħid illi Francis Schembri għadda wkoll sabiex biegħ appartament tal-kumpannija li jinsab ġewwa Marsalforn. Jgħid illi għalkemm sar il-bejgħ ir-rikavat la daħal fil-kotba tal-kumpannija u lanqas fil-kont bankarju tagħha. Jgħid illi dan il-bejgħ li sar għall-prezz ta' €90,000 sar bi prezz baxx ħafna meta mqabbel mal-valur li l-appartament għandu fis-suq u għalhekk anki din kienet mossa għad-detriment tal-kumpannija. Żied jgħid illi minn verifiki li saru mal-MFSA jirriżulta illi l-*accounts* tal-kumpannija ilhom is-snin ma jsiru. Jidher ukoll illi anki l-VAT *returns* u l-formoli tat-taxxa qegħdin snin b'lura.

Kif jirriżulta mis-sentenza tas-16 ta' Settembru 2009 il-konvenut Francis Schembri ġibed eluf kbar mill-investimenti u mill-kontijiet bankarji liema ammonti ġew permezz ta' dik is-sentenza dikjarati bħala illi jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti. In oltre, fis-sentenza msemmija l-Qorti ssenjalat il-fatt illi l-konvenut Francis Schembri kien qiegħed jirrifjuta li jagħti informazzjoni dwar x'sar mill-investiment wara d-data tal-preżentata tal-kawża bin-numru 17/06 u cioe il-kawża ta' separazzjoni personali. Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Settembru 2009 il-Qorti kkowtat mix-xhieda tal-konvenut Francis Schembri fejn dan xehed illi "*Jiena ghal darb'ohra nerga nsostni l-posizzjoni tieghi illi f'din il-kawza ma hiniex ser naghti*

*u qieghed nirrifjuta li naghti nformazzjoni dwar x'seta' sar mill-flus illi kienu nvestiti f'ismi u f'isem marti wara d-data tal-preżentata ta' din ic-citazzjoni."* u ukoll illi "*Jiena nerga' ghal darba ohra intenni illi m'ghandi l-ebda hsieb illi naghti xi taghrif dwar x'ghamilt bil-flus illi jiena gbidt fil-mori ta' dawn il-proceduri u dan in kwantu din il-materja fil-fehma tieghi mhiex il-mertu ta' din il-kawza."*

In kontro-eżami l-Avukat Dottor Mario Scerri spjega illi waqt illi huwa minnu li l-mandat kawtelatorju ma ġiex segwit b'kawża, il-mandat intalab in kawtela tal-interess illi Angelina Schembri għandha fil-kumpannija pendenti l-kawża ta' separazzjoni personali.

Spjega illi Angelina Schembri kienet tiġi mistiedna tattendi għal-laqgħat tal-kumpannija biss fuq parir legali ma kinitx tattendi. Jgħid illi dan il-parir ingħata abbażi tal-fatt illi kull laqgħa kienet tispiċċa billi dejjem jittieħdu dawk id-deċiżjonijiet illi ried Francis Schembri li apparti li jokkupa l-kariga ta' direttur eżekuttiv huwa wkoll is-segretarju eżekuttiv. Għal kull laqgħa li m'attendietx il-konvenuta dejjem intbagħtet ittra uffiċjali.

Angelina Schembri xehdet illi hi ma kinitx tieħu nteress fl-andament tal-kumpannija u abbażi tal-parir legali illi ħadet hija lanqas ma kienet tattendi għal-laqgħat tal-kumpannija. Tgħid ukoll illi hi ma kinitx ser tersaq sabiex takkwista xi ishma ġodda.

Xehed ukoll Francis Schembri li spjega illi l-kapital azzjonarju addizzjonali illi kien xtara kellu valur ammontanti għas-somma ta' €32,985 kif jirriżulta miċ-ċekk li bih sar il-pagament relattiv. Jidher ukoll illi dan iċ-ċekk inħareġ minn ċertu Joe Cordina. Francis Schembri xehed illi għalkemm il-flus għall-akkwist tal-ishma inħarġu minn Joe Cordina, l-ishma ġew akkwistati minn Schembri stess.

Mistoqsi kemm kien l-ammont li hu stess silef lill-kumpannija rikorrenti fiż-żmien qabel intalab il-mandat, Schembri jinsisti li ma jiftakarx dan l-ammont kemm kien.

**Ikkunsidrat:**

Eżaminati l-atti kollha, inkluż is-sentenzi li ġew ippreżentati fl-atti u l-atti allegati relattivi għall-mandat t'inibizzjoni bin-numru 17/14 inkluż id-deċiżjonijiet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-imsemmi mandat, din il-Qorti hija konvinta illi dawn il-proċeduri *ad hoc* m'huma xejn għajr tentattiv ieħor intentat mis-soċjeta' rikorrenti sabiex titlob rikonsiderazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti kif dak inhar presjeduta, tas-16 ta' Lulju 2014 u tal-11 ta' Novembru 2014. Is-soċjeta' rikorrenti tilmenta illi l-Qorti ċaħdet it-talba tagħha għall-ħruġ ta' kontro-mandat mingħajr ma kkunsidrat u trattat l-argumenti kollha sollevati mis-soċjeta' attriċi in sostenn tat-talbiet tagħha. Tgħid illi fid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Novembru 2014 il-Qorti trattat biss l-argument abbinat mal-Artikolu 876 tal-Kap. 12.

Tajjeb jingħad illi kemm fir-rikors tagħha tat-13 ta' Ottubru 2014, liema rikors huwa l-mertu tad-deċiżjoni tal-11 ta' Novembru 2014, u kif ukoll fir-rikors odjern, is-soċjeta' attriċi ressqet l-istess argumenti u cioe:

i. Il-mandat t'inibizzjoni 17/14 ma' ġiex segwit b'kawża ad hoc entru t-terminu ta' dekadenza preskritt mil-liġi;

ii. Ma jirriżultawx l-elementi ravviżati taħt l-Artikolu 876 tal-Kap 12;

iii. Jirriżultaw ir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (f) tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 li jiġġustifikaw ir-revoka tal-mandat t'inibizzjoni.

**<u>L-Ewwel ilment: Il-mandat t'inibizzjoni 17/14 ma' ġiex segwit b'kawża ad hoc entru t-terminu ta' dekadenza preskritt mil-liġi</u>**

Fl-ewwel lok, it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kienet mill-bidu nett intrinsikament marbuta mal-kawża bin-numru 17/06. Dan jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku mit-talba għall-ħruġ ta' l-imsemmi mandat fejn intalab speċifikament illi l-mandat kawtelatorju jibqa' in vigore pendenti l-eżitu ta' dawk il-proċeduri. Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Mejju 2014 waqt illi bid-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2012 kif ikkonfermata fl-appell, ġiet stabbilita l-konsistenza tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti, il-likwidazzjoni tal-komunjoni għada pendenti.

Il-Qorti tikkondividi pjenament ir-raġunament segwit minn din il-Qorti kif dakinhar preseduta fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Novembru 2014 fejn jingħad illi fid-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Mejju 2014 il-Qorti kif diversament preseduta kellha quddiemha retroxena ta' tberbiq ta' flus u assi tal-komunjoni liema aġir da parti ta' Francis Schembri kien sejjer jippreġudika serjament id-dritt ta' Angelina Schembri għas-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Fid-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Mejju 2014 il-Qorti laqgħet it-talba kif dedotta u cioe li l-mandat t'inibizzjoni bin-numru 17/14 jibqa' in vigore pendenti l-proċeduri bin-numru 17/06 għal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Stante illi l-proċeduri bin-numru 17/06 għandhom pendenti u la darba l-mandat de quo huwa intrinsikament abbinat ma' dawk il-proċeduri, ma jagħmel ebda sens u lanqas ma jirriżulta il-bżonn illi l-mandat jiġi segwit bi proċeduri ad hoc.

Din il-Qorti temmen illi jekk kemm il-darba kellha tilqa' l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti tkun qegħda tinjora u saħansitra tmur kontra d-deċiżjoni tat-2 ta' Mejju 2014, dan apparti l-fatt li deċiżjoni f'dan is-sens tista' tissarraf fi preġudizzju serjament irrimedjabbli għad-drittijiet ta' Angelina Schembri. Il-Qorti tqis illi dan l-ilment tas-soċjeta' attriċi għandu bixra ta' abbuż mill-proċeduri fejn bl-ilment tagħha s-soċjeta' attriċi qiegħda tipprova tikseb dak illi ma kisbitx meta ġiet miċħuda t-talba tagħha għall-ħruġ tal-kontro-mandat.

Dan l-ilment qiegħed jiġi miċħud.

**<u>It-Tieni lment: Ma jirriżultawx l-elementi ravviżati taħt l-Artikolu 876 tal-Kap 12</u>**

Waqt illi tgħid illi d-deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2014 kkonċentrat biss fuq dan l-ilment, is-soċjeta' attriċi terġa għal darb'oħra tirriproni rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Novembru 2014 dwar dan il-punt.

Il-punti saljenti minn din id-deċiżjoni diġa ġew ċitati aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti taqbel pjenament u tagħmel tagħha r-raġunament li l-Qorti kif dak inhar preseduta segwiet sabiex waslet għad-deċiżjoni

tagħha dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 876. Tqis illi m'hemm xejn aktar x'iżżid ma dak illi diġa ingħad b'mod eżawrjenti.

Fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 876 is-soċjeta' attriċi ressqet ukoll l-argument illi bil-mandat t'inibizzjoni ġie milqut l-operat tas-soċjeta' attriċi liema soċjeta' m'hijiex parti fil-proċeduri dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa minnu li s-soċjeta' attriċi hija għal kollox estranea għall-proċeduri dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti liema proċeduri jolqtu lil Francis Schembri u lil Angelina Schembri personalment. Biss, waqt illi żżomm dan ferm quddiemha l-Qorti tqis illi hemm kunsiderazzjonijiet oħra xi jridu jsiru sabiex jiġi determinat is-siwi o meno tal-ilment tas-soċjeta' attriċi.

Bid-deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2012 din il-Qorti kif dak inhar preseduta ddeterminat il-konsistenza tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti u ddikjarat fost l-oħrajn illi l-konjuġi Schembri għandhom bejniethom total ta' 380 sehem u cioe 190 sehem kull wieħed.

Mill-provi jirriżulta illi l-konjuġi Schembri mhumiex l-uniċi azzjonisti fis-soċjeta' attriċi. Fil-fatt mill-*Memorandum of Association* jirriżulta li waqt illi Francis u Angelina Schembri għandhom 190 sehem kull wieħed, Roderick Schembri u George Schembri għandhom 60 sehem kull wieħed. Irriżulta wkoll illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni skattat minn riżoluzzjoni tal-kumpannija għal żieda sostanzjali fil-kapital azzjonarju. Angelina Schembri dehrilha illi b'tali manuvri Francis Schembri kien sejjer jikseb aktar saħħa fil-kumpannija billi jsir l-azzjonista maġġoritarju. Konsegwentement dan kien sejjer inaqqas il-valur tal-ishma ta' Angelina Schembri u per konsegwenza jkompli jimmina d-drittijiet tagħha għal sehem mill-komunjoni tal-akkwisti.

Is-soċjeta' rikorrenti tporġi wkoll l-argument illi orami il-konsistenza tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti diġa ġiet likwidata bid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2012 u l-valur tal-ishma ta' Angelina Schembri ġie kristallizat fid-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Tgħid għalhekk illi l-valur tal-ishma ma jista qatt jiġi preġudikat għaliex dan il-valur sejjer jittieħed in konsiderazzjoni u jkun parti integrali mill-kalkoli li jridu jsiru għall-fini tal-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Mhux l-ewwel darba illi l-Qorti ntalbet tneħħi l-velu ta' soċjeta' sabiex tissindika r-responsabbilita' ta' xi membru tagħha għall-aġir lamentat.

Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Franstan vs Kashmiri Palace Limited et** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili osservat illi:

*Kien hemm diversi okkazjonijiet fejn il-Qrati taghna warrbu l-velu ta' socjeta' kummercjali, b'personabiltà guridika separata u sabu diretturi jew azzjonisti personalment responsabbli, minkejja li l-proceduri ma kenux jittrattaw proceduri ta' stralc.*

*Per ezempju il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet Id-Direttur tal-Artijiet v. Alfred Baldacchino et. kien ritenut:*

*"Hija l-fehma ta' din il-Qorti, ladarba giet riskontrata l-mala fede da parti l-konvenuti, il-konsegwenza logika kellha tkun li l-konvenut Alfred Baldacchino ma kellux jibqa' jistahba wara l-velu tal-personalita' guridika distinta tas-socjetajiet konvenuti l-ohra, li ghalihom huwa kostantament deher sahansitra fuq l-imsemmi kuntratt ta' kera bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti l-ohra, u dan ftit qabel ma skada c-cens. Is-sentenza Edward Enriquez et v. Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et nomine deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 1995, hija proprju ibbazata fuq dan il-principju fejn inghad:*

*"Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu mmunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-'mala fides' huwa mehtieg li l-Qorti tipprexindi mill-personalita` separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass". "*

*Aktar recentement, din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal- 1 t'Ottubru, 2016, fl-ismijiet Dr. Ivan Sammut nomine v. Winetailors Limited et:*

*"Illi l-personalità ġuridika separata tal-kumpannija, ċjo is-separazzjoni netta tal-kumpannija mill-membri tagħha, titqies li hija prinċipju fundamentali tal-liġi tal-kumpanniji. Madankollu bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, kemm il-liġi Maltija u dik Ingliża li fuqha hija immudellata, kif ukoll il-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom, okkażjonalment ippermettew illi tiġi injorata l-identità separata tal-kumpannija minn dik tal-membri tagħha, u l-azzjonist fl-aħħar mill-aħħar inżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija.*

*Illi għad li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward mhijiex daqstant estensiva, minnha joħroġ ċar illi fejn tirriżulta l-mala fede, in-nuqqas ta' imġiba korretta jekk mhux saħansitra l-frodi min-naħa tal-azzjonist li juża l-kumpannija li tkun taħt il-kontroll assolut tiegħu bħala lunga manus biex jeludi u jaħrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali li jkun daħal għalihom, dan m'għandux jitħalla jinħeba wara l-paraventu tal-kumpannija, imma għandu jinżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija li jkunu saru b'mala fede, imġiba skorretta jew frodi.*

*Illi fi kliem il-Prof. Andrew Muscat[3]:*
*"The 'fraud or improper conduct' inroad had also featured prominently in a number of Maltese cases. Three of these merit detailed attention: Dr. José Herrera noe et vs. Tancred Tabone et noe,[4] Edward u Giovanni Leone Enriquez vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia et[5] and Nevada Limited et vs. Hubert Mifsud et.[6] In all three cases, the courts relying on the paramount principle of good faith, lifted the corporate veil where the corporate form was used to evade contractual obligations.*
*…*
*Clearly, English and Maltese courts will ignore, or look behind, the separate juridical personality of a company if it is shown that there has been fraud or improper conduct."*

Il-Qorti sejra terġa tagħmel referenza għad-deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 2009 fejn din il-Qorti diversament preseduta qieset l-aġir ta' Francis Schembri bħala li jikkostitwixxi "*dilapidazzjoni tal-beni minn wiehed mill-konjugi. L-agir tal-konvenut (Francis Schembri) ma jistax jigi deskritt mod iehor ghajr attakk ghall-beni li taghhom l-attrici hi wahda mit-titolari, minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-interessi taghha. ... Hu evidenti li kemm ilu inqala' l-inkwiet f'din il-familja, il-konvenut qieghed jahseb biss fl-interess personali tieghu u l-qorti ma tistax tikkondividi l-modus operandi tieghu."* Il-Qorti sejra terġa tagħmel ukoll referenza għas-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010 fejn il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi "*l-konvenut (Francis Schembri) ma kienx qiegħed jopera u jamministra l-komunjoni tal-akkwisti fl-interess ta' martu wkoll, anzi hi konvinta li kien qiegħed jopera biss fl-interess personali tiegħu."*

---

[3] Principles of Maltese Company Law, p. 330 (Malta University Press, 2007)
[4] Q.K. (26.01.1989); Vol. LXXVI.ii.321 (Qorti tal-Appell 1992); Vol. LXXX.ii.508 (Qorti tal-Appell 1996) (Ritrattazzjoni).
[5] P.A. (12.10.1989).
[6] P.A. (20.11.1998); Qorti tal-Appell (16.02.2004). Ara wkoll Joseph Chetcuti noe vs. Peter Paul Camilleri (Vol.LXXXII.ii.1295) (Qorti tal-Appell).

Meta tqis illi Francis Schembri neħħa lil martu minn direttur u għar minn hekk ipproċeda sabiex jikseb aktar ishma fis-soċjeta' attriċi bit-tir aħħari li jikseb il-kontroll assolut bħala azzjonista maġġoritarju tagħha, il-Qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha illi l-aġir ta' Francis Schembri huwa vvizzjat minn imġieba frawdolenti maħsuba sabiex tippreġudika serjament id-drittijiet li Angelina Schembri għandha għas-sehem tagħha mill-kommunjoni tal-akkwisti. Abbinati l-prinċipju ġurisprudenzjali traċċjati għall-każ ta' llum, il-Qorti ssib illi Francis Schembri qiegħed jinħeba wara l-velu tas-soċjeta' attriċi sabiex ikompli jaġixxi għad-detriment serju tad-drittijiet ta' Angelina Schmebri. Il-Qorti tqis illi anki jekk huwa minnu illi s-soċjeta' attriċi mhijiex parti mill-proċess bin-numru 17/06, is-soċjeta' attriċi qegħda tintuża u tiġi manipulata sabiex taqdi l-eżiġenzi personali ta' Francis Schembri. Iż-żamma fis-seħħ tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 17/2014 għandha sservi sabiex pendenti diversi proċeduri bejn il-konjuġi Schembri b'mod partikolari dawk illi jolqtu l-assenjazzjoni tal-ishma rispettivi mill-kommunjoni tal-akkwisti, twaqqaf l-aġir abbużiv ta' Francis Schembri bħala azzjonista u direttur tas-soċjeta' rikorrenti fil-konfront ta' Angelina Schembri. Fuq kollox, iż-żamma fis-seħħ tal-mandat ser isservi sabiex tassigura illi kwalunkwe ġid li għad fadal u li jifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti ma jiġix sparpaljat qabel jiġi assenjat lill-partijiet skont is-sehem li kull wieħed għandu.

**<u>It-Tielet ilment: L-Artikolu 836 (1) (a) u (f) tal-Kap 12</u>**

Il-partijiet mid-dispożizzjoni li huma ta' siwi għall-każ ta' llum jaqraw hekk:

*836.(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħtdan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ attkawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmelrikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu,għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*

...

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnujew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġjew ġustifikabbli.*

Il-kawżali maħsub taħt is-sub-paragrafu (a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ hija intrinsikament marbuta mal-fatt illi kull mandat kawtelatorju jrid jiġi segwit b'kawża fil-mertu dwar il-jedd pretiż imħares bil-mandat. It-talba tintlaqa' jekk kemm-il darba jirriżulta illi l-parti li tkun talbet u kisbet il-mandat kawtelatorju tonqos milli tressaq l-azzjoni entru t-terminu stabbilit fil-liġi.

Fil-każ ta' llum il-Qorti terġa ttenni illi l-mandat t'inibizzjoni huwa marbut mal-kawża bin-numru 17/06 li sa llum għandha pendenti. Għar-raġunijiet kollha hawn aktar 'il fuq premessi, il-Qorti tqis illi l-mandat għadu fis-seħħ u għaldaqstant il-Qorti ssib illi s-soċjeta' attriċi ma seħħiliex turi li t-talba tagħha taħt din il-kawżali hija mistħoqqa.

Il-kawżali maħsuba taħt il-paragrafu (f) tad-dispożizzjoni timplika illi wara l-ħruġ tal-mandat kawtelatroju tkun inbidlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx aktar raġionevoli li l-mandat, in toto jew in parte, jibqa' fis-seħħ[7].

Fid-digriet li ngħata fl-4 ta` Frar 2016 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet **<u>Pace et vs Camilleri et</u>** ingħad illi "*biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.*"[8]

Dan ifisser illi għas-sodisfazzjon ta' din il-kawżali jeħtieġ jiġi ppruvat **<u>bdil fiċ-ċirkostanzi</u>** li abbażi tagħhom ikun inħareġ il-mandat. Dan il-**<u>bdil fiċ-ċirkostanzi</u>** jrid jintwera illi seħħ **<u>wara</u>** d-data tal-ħruġ tal-mandat.

Fil-każ ta' llum, il-Qorti ma ssibx li r-raġunijiet mogħtija mis-soċjeta' attriċi fir-rikors tagħha jikkostitwixxu bdil fiċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-revoka tal-mandat waħda raġjonevoli jew ġustifikabbli.

---

[7] Ara: **<u>Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et</u>**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 t'Awwissu 2001; **<u>Spiteri v Darmanin</u>**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 t'Awwissu 2010;

[8] Ara wkoll: **<u>Cook et vs Hartoka et</u>** deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta` Marzu 2014; **<u>Cassar pro et noe et vs Falzon et</u>**, deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta` Ottubru 2015; **<u>Blue Rapid Incorporation vs Elf Aquitaine</u>**, deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili 2 ta` Dicembru 2014

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' l-eċċezzjonijiet numru tlieta u erbgħa.

Tiċħad it-talbiet kollha.

Tordna lis-soċjeta' attriċi tħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur